QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 27 TA' LULJU 2001

Avviz Nru 1400/98DM

Charles Gauci bhala direttur ghan-nom u fl-interess ta' Calbros Limited

vs

Adrian Theuma

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tmien mija u tmenin Liri Maltin u erba' u tletin centezmu (Lm880.34) jew somma ohra verjuri li tistabilixxi din il-Qorti, dovuti in linea ta' danni sofferti mill-atttur noe u mill-konvenut ikkagunati meta f'incident awtomobilistiku li sehh nhar it-23 ta' Dicembru 1997 f'Gharghur Road, limiti ta' B'Kara, waqt illi il-konvenut kien qed isuq il-vettura tat-tip Ford Escort, bin-numru tar-registrazzjoni AAM – 773, habat mal-vettura tat-tip Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni SON – 230, misjuqa mill-attur Charles Gauci u proprjeta tas-socjeta attrici, ghall – liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 1998, li huwa minn issa ngunt ghas- subizzjoni u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Adrian Theuma fejn eccepixxa:

1 Illi l-eccipjenti huwa responsabbli biss ghad-danni kagunati fuq in-naha ta' wara tal-vettura SON 230 propjeta tal-attur stante li hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-attur kien diga habat mal-vettura numru EAL 997 misjuqa minn Pierre Borg meta l-eccipjenti dahal fil-vettura misjuqa u propjeta' tal-attur u ghalhekk id-danni kawzati fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura tal-attur ghandhom jigu sopportati mill-istess attur;

2 Illi in vista tal-fatt li l-eccipjenti accetta t-tort ghad-danni kawzati fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-attur, huwa m'ghandux ibaghti l-ispejjes tal-kawza odjerna;

3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Dak li trid tiddetermina l-Qorti huwa l-fatt jekk l-attur kienx digia' habat mal-vettura ta quddiemu (misjuqa minn Pierre Borg) qabel ma intlaqat mill-konvenut.

Evidentement, meta l-kontendenti jghatu verzjonijiet kontradittorji, hija rilevanti hafna f'dan ir-rigward id-deposizzjoni tal-istess Pierre Borg (xhud principali ghaliex, ghalkemm implikat, huwa indipendenti fil-kwistjoni odjerna) u l-isketch u r-rapport ta P.S. 139 Ronald Azzopardi.

Mic-cirkostanzi tal-kaz jirrizultaw diversi indizji favur il-verzjoni tal-attur fosthom li:
(a) Il-vettura ta Pierre Borg intlaqtet darba wahda biss;
(b) Meta hareg mill-vettura tieghu, presumibilment hekk kif intlaqat, Pierre Borg sab lill-kontendenti mahbutin ukoll;

Izda fuq kollox dak li jipperswadi lill-Qorti li l-verzjoni tal-attur hija iktar kredibbli huwa l-fatt li, ghalkemm il-konvenut jallega li l-attur kien lahaq habat ma ta quddiemu xi sekondi qabel ma habat huwa stess (infatti jallega li kif habat innota li s-sewwieqa l-ohra kienu qed jippreparaw biex johrogu mill-vetturi taghhom), fid-deposizzjoni tieghu bil-gurament ma jghamel ebda accenn dwar il-fatt li dan jimplika li huwa bil-fors kellhu jkun qed isuq wara l-vettura tal-attur u vicin taghha.

Jirrizulta li l-konvenut ra l-vettura tal-attur l-ewwel darba meta habat maghha u dan jimplika li l-attur kien qed isuq distanza notevoli quddiem il-konvenut li konsegwentement jimplika li l-attur kien lahaq il-vettura ta Borg zmien bizzejjed qabel ma wasal il-konvenut. Dan jelimina il-possibilita' ta zewg habtiet f'temp ta ftit sekondi kif jallega l-konvenut.

Ghaldaqstant tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-23 ta' Dicembru 1997 f'Gharghur Road, limiti ta' B'Kara, waqt illi kien qed isuq il-vettura tat-tip Ford Escort, bin-numru tar-registrazzjoni AAM – 773 u habat mal-vettura tat-tip Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni SON – 230 misjuqa mill-attur Charles Gauci u proprjeta tas-socjeta attrici.

Mill-ircevuti esibiti jirrizultaw ippruvat id-danni fis-somma ta LM880.34 li sofriet il-kumpanija attrici.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien  mija u tmenin Liri Maltin u erba' u tletin centezmu (Lm880.34) danni sofferti mill-atttur noe fl-incident 'de quo' ghall- liema incident il-konvenut kien responsabbli minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-imghax legali mit-13 ta Lulju 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

…………………………………..
Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ28